MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 105/2014

**Malta Art Events Limited (C 54960)**

**vs**

**Edric Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu 2014 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha

s-somma ta’ ghaxart elef, mija u sittin ewro u sittin centezmu (€10,160.60) rapprezentanti kontijiet li kellhom jithallsu minnu lil terzi fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-kuncert ‘A Viennese Night’ fis-Sala tal-Mediterran ghall-konferenzi ai termini tal-ftehim ta’ bejniethom imma li spiccaw kellhom jithallsu mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 04/09/2013.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Marco Bonnici datata 3 ta’ Mejju 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur (fol 5 tal-process).

Rat illi fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-4 ta’ Gunju 2014.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta’ Gunju 2014 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef, mija u sittin ewro u sittin centezmu (€10,160.60) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficali 419/13 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------